Id-Dsatax-il sena Ottubru-Diċembru, 1949. Għadd 224-226.

# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA')

LILL-ĦBIEB U LILL-GĦEDEWWA NIXTIEQU S-SENA T-TAJBA U LID-DINJA MĦABBTA NIXTIEQU S-SLIEM U L-GĦAQDA.

## X'FIH DAN IL-GĦADD

| | |
|---|---|
| Il-Kritika Letterarja | Prof. G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.). |
| *Fid-Dar ta' Puccini* | N. CREMONA. |
| *Intfew id-Dwal* | GUŻE' CHETCUTI. |
| *L-Għanja ta' l-Imħabba* | G. MIFSUD BONNICI. |
| L-Ħena | ABRAM GALEA. |
| Taħnin u Għana tan-Nieqa | G. CASSAR PULLICINO. |

# LEĦEN IL-MALTI

ID-DSATAX-IL SENA OTTUBRU-DIĊEMBRU, 1949. Għadd 224-226.

# *IL-KRITIKA LETTERARJA*

*Editorjal tal*-PROF. G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)

*XI DRABI kelma, imbarra t-tifsira tagħha ewlenija, tieħu f'fomm il-poplu tifsira oħra warajha, tifsira li titbiegħed ftit jew wisq minn dik ewlenija. Fost dan il-kliem għandna l-verb "ikkritika", li, kif jifhmuh ħafna, ifisser "sab xi jmaqdar f'xi ħaġa" u n-nom "kritika" jagħtuh, ħafna drabi, it-tifsira ta' "tmaqdira", u xi drabi ta' satira, bħalma ngħidu għal xi kritiki li jidhru fil-Karnival. Imma fil-letteratura l-kelma kritika, bħall-kliem l-ieħor li jiġi minnha, għandha tifsira oħra; għandha t-tifsira ta' nisilha, jiġifieri t-tifsira ta'* kritos *li fil-Grieg tfisser "imħallef, bniedem li jaqta' bejn fehma u oħra, u jgħid fejn hu t-tajjeb u fejn hu l-ħażin". Meta fil-Malti ngħidu kritika letterarja, bħal f'ilsna oħra miktubin, il-kelma għandna nifhmuha skond it-tifsira tagħha fil-Grieg.*

*Kull sena għandha t-tagħlim tagħha u min jifhem jaf jgħidlek jekk ħaġa hix magħmula tajjeb jew le. Mhux biss, imma jaf jgħidlek l-għaliex hi magħmula tajjeb jew ħażin. Fi kliem ieħor, bniedem jifhem jaf jagħmillek kritika tax-xogħol li turih, u f'dil-kritika jagħżillek is-sabiħ mill-ikrah, id-dritt mill-imgħawweġ. Mela kritika ma tfissierx, kif jaħsbu xi wħud, tgħodd u ssemmi wieħed wieħed in-nuqqasijiet f'biċċa proża jed poeżija, imma tgħarbel il-proża jew il-poeżija għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħsieb u l-forma u tagħraf il-ġmiel u fejn jinsabu n-nuqqasijiet ukoll. Mela l-kritiku jfittex u jsib żewġ ħwejjeġ fix-xogħol li jikkritika—ġmiel u kruha. Il-kritiku mħarreġ ma jħallix lilu nnifsu jintlaqat mid-difetti u jwarrab il-meriti; min-naħa l-oħra lanqas ma jħalli lilu nnifsu jintlaqat mill-merti u jwarrab għal kollox id-difetti. Il-kritiku għaqli, bħall-imħallef fuq it-tribuna, jiddeċiedi mingħajr passjoni. Ix-xbieha tradizzjonali tal-Ġustizzja hija mara b'miżien f'idha—miżien imgħabbar sewwa. Bħall-ġustizzja, il-kritiku wkoll iżomm miżien f'idu, u fiż-żewġ kefef iqiegħed il-merti u d-difetti, u jagħti lill-awtur dak li ħaqqu skond liema miż-żewġ kefef tegħleb waħda lill-oħra.*

*L-imħallef, biex jiddeċiedi bejn żewġ kustjonijiet u jgħid fejn hu s-sewwa u fejn hu l-għawġ, irid, barra mill-liġi, ikun jaf tajjeb il-fatti u mhux biss jafhom u jifhimhom imma jħoss l-importanza tagħhom. Bħalu l-kritiku jgħabbar iż-żewġ kefef tal-miżien tal-ġustizzja letterarja. Għalhekk jeħtieġlu jkun jaf mhux biss il-liġijiet ta' sengħet il-kitba, dik li l-Latini kienu jsejħu* Ars dicendi, *imma jrid ikun ukoll bniedem li jaf jiżen il-fatti u s-sentimenti li mill-għaġna tagħhom kitlieb tajjeb joħroġ xogħol ta' proża jew poeżija. Kritiku tajjeb, mela, irid ikun letterat u kolt ħafna. Tkun letterat mingħajr ma tkun kolt jew tkun kolt mingħajr ma tkun letterat mhux biżżejjed. Il-kritiku jrid jiġbor fih iż-żewġ kwalitajiet. Qatt ma ġie li qrajt kritika ta' bniedem letterat li ġġagħlek tistagħġeb kif kittieb tajjeb jagħti fehmiet ħżiena fuq ix-xogħol ta' ħaddieħor għax ifaħħar jew imaqdar fejn ma għandux, jonkella għax ifaħħar jew imaqdar aktar jew inqas milli jmissu? Ir-raġuni hi li dan il-letterat ma għandux kultura biżżejjed biex, barra li jiżen xogħol ħaddieħor fih innifsu, isiblu post xieraq fil-letteratura ta' pajjiżu, u jekk ix-xogħol hu kbir biżżejjed, fil-letteratura tad-dinja. Il-bniedem artista huwa bniedem ta' ġenju, imma l-ġenju minnu nnifsu mhux kultura; huwa biss, biex nieħdu xebh minn qasrija, il-ħamrija li fiha tista' tikber xitla sabiħa, jekk qabel tkun ħawwiltha jonkella żrajtha.*

*Il-letteratura ta' kull pajjiż hija biċċa mill-letteratura tad-dinja kollha; hija biċċa mill-patrimonju ta' ruħ il-bniedem. Il-kultura tad-dinja tista' għalhekk ixxebbahha ma' biċċa xoqqa li hija waħda fin-nisġa tal-ħjut imma mbagħad hija diversa fid-disinji li fiha mħabba d-diversità fil-lewn wit-tirqim tax-xoqqa. Xoqqa waħda, nġwl wieħed, imma ħafna disinni. Diversità u unità huma, mela, iż-żewġ elementi tal-kultura universali. Il-kritiku, mela, li jrid igħabbar sewwa ż-żewġ kefef tal-miżien tal-ġustizzja letterarja u jsib post lil xogħol kbir mhux biss fil-letteratura ta' pajjiżu imma fil-letteratura tad-dinja, irid ikun bniedem li qara ħafna kapolavuri u mhux ta' pajjiżu biss, imma ta' pajjiżi oħra wkoll, u qrahom b'dak id-dehen u b'dik is-sensibilità li l-arti kbira tnissel f'min iħobbha u jifhimha. Jekk jonqsu dawn il-kwalitajiet ikollna bil-fors kritika artifiċjali u paraguni taċ-ċajt.*

*Imma hemm min jistaqsi: "Il-kritika letterarja x'tiswa?" Il-kritika letterarja tista' tiswa ta' ġid jew ta' deni. Jekk ma*

*tkunx magħmula kif għandha tkun tisfa' ta' deni dejjem, imma wkoll jekk tkun magħmula kif għandha tkun, tista' xi dabi tisfa' ta' deni. Ngħidilkom meta tisfa' ta' deni. Tisfa' ta' deni meta l-qarrej, biex ikun jaf x'hemm sabiħ u kbir f'kittieb, jikkuntenta ruħu bil-qari tal-kritika mingħajr ma jaqra x-xogħol ta' l-awtur innifsu. Fuq Dante u Shakespeare tgħidx kemm xogħlijiet inkitbu u x'uħud minnhom ta' min jaqrahom, imbarra milli għad-dehen u l-għaqal tal-fehma, għall-ġmiel tagħhom infushom bħala xogħlijiet ta' kritika li huma fl-istess ħin xogħlijiet ta' l-arti. Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn ix-xogħlijiet ta' kritika mhu isbaħ jew aqwa mid-drammi ta' Shakespeare jonkella mid-*Divina Commedia *ta' Dante Alighieri. Min-naħa l-oħra, jekk il-qarrej jaqra l-kritika t'awtorità biex iqabbel fehmtu magħha, jonkella biex jara jekk tilifx xi ġmiel li l-kritiku jista' jurih aħjar, ikollna naqblu li l-kritika letterarja tagħmel ġid kbir. Jekk mhux ħaġ'ħra, tirfina l-gost u tgħallem lill-qarrej jagħżel is-sabiħ mill-ikrah, il-kbir miċ-ċkejken, il-għoli mill-baxx, is-sengħa mid-dilettantiżmu.*

*Kritika letterarja, meta hija xjentifika, tagħti wkoll lill-qarrejja sens ta' proporzjon biex ma jkabbrux iżjed dak li hu kbir u ma jċekknux iżjed dak li hu ċkejken, jonkella, wisq agħar, jaraw kbir dak li hu ċkejken, u żgħir dak li hu kbir.*

*Ma nafx nistax ingħid għalija nnifsi li kont l-ewwel wieħed li daħħalt il-kritika letterarja fil-letteratura Maltija. Imma jekk qabel dehret xi kritika, naħseb li kont jien l-ewwel wieħed li għamilt studji letterarji ta' xogħlijiet bil-Malti għat-tul ta' diversi kittieba Maltin. Dawn l-istudji qed niġborhom biex nuri lill-qarrejja Maltin x'impressjonijiet għamlu lili l-aħjar kittieba tagħna jew, biex nitkellmu aktar sewwa, l-aqwa poeti tagħna—għax s'issa għadni ma sibtx żmien nistudja l-kitba tal-prożaturi tagħna. Biss, jekk Alla jislef l-għomor, għad nidħol għal dan ix-xogħol ukoll. Kollox irid iż-żmien tiegħu.*

*Wara li għedt dana kollu dwar kif għandha ssir il-kritika letterarja, ma nistax ma nħossx qalbi ttaqtaq meta naf li jien b'idejja stess ressaqt ix-xogħol tiegħi għall-aktar kritika severa li tista' ssir lil ġabra ta' studji bħal din. Il-Malti jgħid: "Min jagħmel jaħmel", u jien ma nistagħġibx, u wisq inqas nitweġġa', jekk ħaddieħor juri li jinsab fil-kitba tiegħi dak in-nuqqas li jien sibt f'xogħol ħaddieħor. Haġa waħda rrid ingħid, jiġifieri li din il-ġabra ta' studji, għalkemm hija kollha tiegħi, qisha x-xogħol*

*ta' żewġ bnedmin. Qed ingħid għaż-żewġ taqsimiet tal-ħajja tiegħi bħala kritiku—l-istudji li għamilt meta kont student u l-istudji li għamilt dawn l-aħħar snin. Bejn taqsima u oħra jiena stess ħassejt qabża kbira sew fl-istil kif ukoll fit-trattazzjoni tas-suġġett. Din id-differenza ma jistgħux ma jħossuhiex ukoll il-qarrejja tiegħi. Ngħid għalija sibtu interessanti ħafna nistudja lili nnifsi—żewġ bnedmin f'wieħed—fl-istudji li għamilt ta' G. Muscat Azzopardi, Ninu Cremona u Dun Karm.*

*Il-kritiku li jikkritika huwa nnifsu suġġett għall-kritika. Kritika tal-kritika hija fergħa oħra ta' l-istudji letterarji.*

---

## FID-DAR TA' PUCCINI

### (TORRE DEL LAGO)

*Dar għażiża li lqajt l-Anġlu tal-Għana*
*li minnu ħarġet b'sengħa ġdida l-ħlewwa*
*ta' noti tas-smewwiet, qalbi tistagħna*
*ħassejt bil-ferħ, bil-qima hekk kif hemm ġewwa*

*ħitanek jiena rfist; ħassejt setgħana*
*ġo fik iżjed il-pinna li ħallewha*
*fuq il-mejda l-idejn tad-daqq sultana—*
*ta' l-Arti li ma tmutx tifkira sewwa!* (1)

*Kollox sieket hemm ġew, iżda jitkellmu*
*mar-ruħ il-karti, ix-xbihat, l-għamara,*
*u donnhom fis-skiet tagħhom qed jissellmu.*

*Hawnhekk Hu għax, hawnhekk il-lum Hu rieqed,*
*PUCCINI l-Kbir, u bl-ikbar ħeġġa u ħrara*
*ħassejtu f'qalbi jdoqq għalkemm kien sieket* (2).

Montecatini, 2. ix. 1949. A. Cremona.

---

(1) Fuq l-iskrivanija ta' Puccini għad hemm, fost ħwejjeġ oħra, bħala *tifkira sewwa*, il-pinna li biha kiteb l-aħħar opri.

(2) *Idoqq* il-pjanu li għadu fejn l-iskrivanija ta' l-Awtur. Puccini għandu l-qabar tiegħu f'kappella fid-dar stess fejn għex l-aħħar snin ta' ħajtu. Miegħu hemm midfunin ukoll martu u ibnu li mietu warajh.

# INTFEW ID-DWAL

## (AGHMA LIL BINTU)

*Ejja, binti, ħdejja!*
*— Hawn, jien qiegħda ħdejk —*
*Ejja ħa nmiss wiċċek,*
*Ħa nbusek fuq ħaddejk.*
*L-aħħar li rajtek, Ġemma,*
*Kont għadek ta' sentejn,*
*Titliegħeb, tidħak, tibki,*
*Ma tafx għaliex u għalfejn.*

*Dik kienet l-aħħar darba,*
*Ma narakx aktar żgur.*
*Jgħidu bi ġmielek timla*
*W iżżejjen kull fejn tmur.*
*Il-ħolm li ħlomt snin ilu*
*Għadda bħal fewġa riħ,*
*Rajtek fi ħsiebi xbejba*
*B'wiċċek għad-dawl, ferrieħ.*

*Il-lum l'int kbirt, jien tliftek,*
*Madwari dlam, dlam biss,*
*Il-passi riesqa nisma',*
*U xagħrek folt immiss,*
*Imma, għalkemm nisimgħek,*
*Taħt ħarsti ma taqax,*
*Irrid narak tidħakli,*
*Irrid u ma nistax.*

*Qed tibki? Le, il-biki,*
*Binti, ħallih għalija;*
*Għalik miftuħa l-ħajja,*
*Gawdi l-ġenn taż-żgħużija.*
*Għid, binti, diġà dalam?*
*— Iva, dalam sew —*
*Il-lejl ta' ħajti wasal,*
*Id-dwal ilhom li ntfew.*

27. X. 49. ĠUŻE' CHETCUTI

## L-GHANJA TA' L-IMHABBA

*Il-ġilju fil-widien jgħanni din l-għanja*
*il-ġilju abjad tal-widien;*
*jgħanniha qattus iswed f'Marzu*
*kullimkien.*

*L-għanja tal-ġilju jgħannuha l-ftit*
*il-ftit li jħobbu 'l Kristu*
*u l-Bjuda li Hu kien;*
*il-ftit li jħobbu l-Arti*
*u l-qawwa u s-sliem tal-ġmiel.*
*L-għanja sewda tal-qattus iswed*
*jgħanniha kulħadd.*
*Il-lum il-ġebel abjad ta' pajjiżi*
*jismagħha ta' kuljum.*
*U jibża' minn dawk li jridu jiġu 'l quddiem.*
*U dawk li jridu jiġu 'l quddiem*
*jimxu b'wiċċhom lejn l-art u jistaqsuni.*
*U meta nixjieħ...... u meta nixjieħ*
*iduru kollha jibku madwari,*
*u għiduli, għiduli*
*x'naqbad ngħidilhom jien?*
*"Nisħet tgħid jien lil dawk ta' żmien żgħożiti*
*bħal ma jisħet lil Adam kull min jagħdab fit-tbatija,*
*jien li xagħri bjad*
*u moħħi għeja*
*u qed nistenna r-riħ tal-mewt*
*jasal sa ħdejja?"*
*Ngħidilhom tgħid jien għal dawk ta' żmien żgħożiti*
*"Kellhom ġisem mikul min-nar aħdar*
*ħalqhom mimli bi bżieq kollu mdardar,*
*żewġ għajnejn f'ħofor koħol mudlama*
*żewġ ħaddejn imwebbsin daqs irħama?"*

*Il-ġilju fil-widien u l-qattus kullimkien......*

*Fil-knejjes ma tismax ħlief......*
*taħbit ta' siġġijiet u tgergir ta' nisa.*

*Oh! kieku l-qalb ma tafx x'isir madwarha*

*kieku ma tismax il-għanja*
*kieku ma tħossx il-frugħa*
*tal-għanja tal-qattus.*
*Għajnejn, xofftejn u kollox jintilef*
*fid-dlam iswed tal-lejl,*
*u jgħaddi l-lejl u tiġi x-xemx......*
*jitmattru bil-mibegħda f'qalbhom*
*bil-leħħa safra tal-flus f'għajnejhom*
*u jerġgħu jaħsbu għal fil-għaxija.*

*L-anġlu t'Alla minn fuq sħaba bajda:*
*"Għaliex qalbkom niexfa daqs il-blat*
*u għaliex*
*tafu tgħannu l-għanja faħxija*
*ta' l-imħabba ta' bil-lejl*
*u għaliex*
*fil-knejjes ma smajtx ħlief*
*taħbit ta' siġġijiet u tgergir ta' nisa.*
*Mulejja u Mulejkom għadab għalikom."*

*Jieqfu għal ftit u jerġgħu għalli kienu.*

Ġ. Mifsud Bonnici.

---

## IL-QARI

Trid li l-qari jħalli fik effett li jibqa'? Aqra biss dawk il-kittieba li għandhom inġenju qawwi u għix bl-ikel li jitimgħuk. Meta tiġġerra minn hawn għal hemm tkun qisek ma waqaft imkien. Hajja mgħoddija fil-vjaġġi tlaqqgħek ma' ħafna nies, imma mal-ħbieb ftit wisq. Hekk jiġri lil dawk il-qarrejja li mingħajr ġibda għall-ebda ktieb aktar mill-oħrajn, jaqraw kull ma jiġi għal idejhom.

Seneca.

# L-HENA

IL-HSIEB ta' kollha kemm huma l-bnedmin huwa il-hena. Fi ħwejjeġ oħrajn l-għanijiet tal-bnedmin jistgħu ma jaqblux, imma f'din il-ħaġa aħna nsibu li ġirja wara l-hena kienet dejjem l-iskop ewlieni li dejjem fileġ 'il-bniedem. Ġid, suċċessi, għana, imħabba, mhumiex skopijiet fihom infushom; huma taraġ għal ħaġa aktar nobbli—huma mezzi għall-għan ewlieni li huwa l-hena. Bħalma l-ilma jfittex in-niżla kull qalb tfittex l-hena tagħha, iżda hija l-esperjenza ta' kulħadd li t-traġedja ta' żminijietna hija li l-bniedem m'huwiex hieni. Jista' jkun li l-bniedem huwa miġnun wara l-hena għax hija bħal dik il-pjanta rari li jfittixha kulħadd u jsibuha biss dawk il-ftit ixxurtjati. Forsi moħħ il-bniedem strieħ billi ħaseb li hena f'din id-dinja ma tinsabx u għalhekk kien kuntent li jitħabat wara dell li ma jistax jintlaħaq. Madankollu aħna nafu li n-Natura m'hijiex daqshekk qalbha ħażina li toqgħod tiddieħek bil-bniedem billi tiżragħlu xewqa f'qalbu li hu ma jkunx jista' jilħaq, anzi li l-bniedem jixtieq hu minnu nnifsu sinjal li x-xewqa tiegħu tista' tiġi mitmuma. Mela l-hena m'hijiex pjanta marradija li tikber biss fis-sqaqijiet li minnhom ftit ngħaddu tul l-eżistenza tagħna, imma hija pjanta li tikber ma' saqajna. M'hijiex pjanta rari imma tikber bil-kotra bħall-arja li nieħdu jew daqs is-sema li jgħattina. L-hena hija l-wirt ta' kulħadd u kull bniedem għandu d-dritt li jgħix ferħan.

L-hena hija s-serħ tal-moħħ, il-qawwa ta' l-ispirtu u l-ogħla teżor li jista jkollu l-bniedem. M'aħniex b'daqshekk infissru x'inhija l-hena, għax hija taħrab mit-tgħarrix tax-xjenza bħal ma tgħib mill-indaħil tal-filosofija. Nafu iżda li m'hijiex ħaġa talġisem. Ġisem ma jonqsu xejn, mimli ġid u għana ma jista' jtina l-ebda garanzija li hu hieni. Hafna drabi bniedem marradi jkun hieni, waqt li ieħor felħan jista' jkun imġarraf taħt dwejjaq kbar. Lanqas ma tinsab żgur f'dak li l-bniedem jagħmel. Jista' wieħed jirbaħ id-dinja, u b'danakollu jilmenta li mhux hieni. Mill-banda l-oħra bniedem fqir u mirbuħ jista' jnissel għira f'dak li jassru billi jċanfru lil l-ġid u r-rebħ tah kollox barra hena. L-hena ma hijex ħaġa li taqbadha u twaħħalha ma' sidrek; hija ħaġa aktar astratta... ħaġa aktar nobbli. Fi kliem ieħor hija stat tal-moħħ. Il-moħħ, jew aħjar ir-ruħ hija t-tempju ġewwieni tal-bniedem. Iċ-ċirkustanzi ta' barra m'għandhom l-ebda qawwa li jtellfu l-

paċi ta' dan it-tempju... biss kemm inħalluhom. Mhux il-kobor tar-riefnu ta' ċirkustanzi kuntrarja, mhux il-qawwa tal-mewġ li jhedded li jfarrak il-mistrieħ tal-moħħ li għandu x'jaqsam, imma kemm il-bniedem iċedi quddiemhom. Wieħed jista' jara kollox jiġġarraf quddiemu, u f'dik il-herba jista' jgħajjat li hu hieni; jista' jara ż-żmien ġejjieni mimli sħab iswed ta' theddid u jibqa' jħoss ruħu setgħana. Dana jwassalna biex nindunaw għaliex fi żminijietna l-bniedem huwa mċaħħad minn dik il-ħaġa li hu tant jixtieq u jagħmel minn kollox biex jiksibha.

L-hena tinsab fil-ħamrija mqallba tal-ħajja nnifisha u mhux biss fil-ġonna tad-divertiment. Dan huwa wieħed mill-iżbalji kbar fil-ħajja, għax il-bniedem ma jagħmilx differenza bejn pjaċir u hena u għalhekk bosta drabi jfittixha fejn ma teżistix. Hafna fittxewha fir-ramel tax-xtut tal-baħar fejn eluf ta' nies imorru fil-vaganzi waqt li setgħu sabuha fis-skiet ta' djarhom. Oħrajn fittxewha fis-swali kbar taż-żfin waqt li setgħu jkunu ferħana fi bnadi aktar siekta. Fid-djarju ta' Scott aħna nsibu miktub għaliex dan l-esploratur il-kbir sab l-hena fil-beraħ u l-ksieħ ta' l-Antartiku. Huwa kiteb : "A happy life is not made up of tours abroad and pleasant holidays, but of little clumps of violets hidden by the wayside so that only those can seen them who have God's peace in their heart". Il-pjaċiri, kulħadd jaqbel, li huma pass kbir lejn l-hena, u l-vaganzi jistgħu jtuna l-aħjar sisien fuqhiex nibnu ħajja ferħana, għax huma jtuna firda mill-monotonija tal-ħajja, jtuna mill-ġdid l-enerġija li neħtieġu, u jlewnu l-ħajja b'dak it-tibdil li biħ biss il-ħajja hi ta' min igħixha. L-iżball huwa li nitqarrqu billi naħsbu li l-pjaċir biss jagħtina biljett b'xejn għall-ġenna, u b'hekk ix-xogħol jidher l-akbar saħta. Ma rridux ninsew li hena u pjaċir jistgħu jimxu id f'id, iżda jistgħu jkunu wkoll għedewwa. Żball ieħor li spiss ħa l-bniedem huwa li jimmira li jikseb l-hena mingħajr ma qagħad iħabbel rasu jhejji l-personalità tiegħu; bħal dak li ried jaqta' l-fjur mingħajr ma jkun żergħu. L-hena qatt ma tinsab weħidha imma hija rigal ta' ħajja tajba, hija ħlewwa li tgħaxxaq il-qalb ta' min ikun ħadem u ta' min kien għaqli.

Biex ngħixu ħajja ferħana jeħtieġ nibnuha fuq il-kolonni tal-fidi u l-fidi hija ħaġa ta' attitudini; ħaġa li timlina b'kunfidenza fina nfusna u tbiddel it-tgemgim : "Nibża' li ma jirnexxilix", f'rieda : "Naf li ħa' nirbaħ". Fi żminijietna, meta kollox iheddidna li ħa' jfarrakna, meta kollox jiggwerra kontra t-tamiet

tal-bniedem, meta x-xogħol tal-għaqli jidher fuq sisien li dalwaqt itir, dan jidher ftit kliem fl-ajru. Kull ħaġa tista' tintemm imma r-ruħ tal-bniedem hija eterna u meta tkun imwaqqfa fuq il-kolonni tal-fidi hija tkun wisq aktar 'il fuq minn fejn jistgħu jilħqu l-idejn taż-żmien u tat-tibdil. Iċ-Ċivilizzazzjoni tista' titfarrak, il-forzi esplussivi ta' ġo fiha jistgħu jġarrfu lis-Soċjetà, id-dinja tista' terġa' tmur lura iejn il-Barbariżmu u l-progress tal-bniedem jintesa, imma l-qalb tal-bniedem tista' tibqa' ferħana għax taf li l-individwu ma jistax jispiċċa, illi l-bniedem jista' jerġa' jibni dinja oħra mill-fdalijiet tal-qedem, illi ż-żmien innifsu ma jistax jirbaħ lil ruħ il-bniedem. Meta nifhmu dan aħna nindunaw li l-affarijiet m'humiex koroh daqs kemm inpinġuhom. Nistgħu naraw l-umanità bħala forza għamja miexja bla taf fejn miġbuda minn qawwa akbar li aħna nsejħu destin; nistgħu norbtu jdejna u nistennew li tfaqqa' s-sajjetta u tkarkarna lkoll fid-dlamijiet ta' gwerra oħra, imma minflok hekk nistgħu nħossu qalbna tifraħ meta għajnejna timraħ fuq xena sabiħa fi tlugħ u nżul ix-xemx u nisimgħu l-għasafar jimlew l-arja b'għana ħelu u ferrieħi—għana li qisu ma jimpurtahx min-niket tal-bnedmin u fil-għors tagħhom ninsew id-dwejjaq tagħna. Jekk immorru fi xtut il-baħar, fit-teatri, fil-postijiet tad-divertiment aħna naraw l-umanità tiddeverti u l-għajat tat-tfal, id-daħk tal-kbar, il-ferħ ta' kulħadd idaħħluna fi ħbiberija mat-tifsira tal-ħajja. B'hekk inkunu nħaffru fil-blat iebes tad-dwejjaq, tat-tfixkil u tad-disperazzjoni... u ma niskantawx jekk id-deheb ta' l-hena nsibuh hemm taħt.

ABRAM GALEA.

---

## L-GHEDEWWA

Idra l-ħsieb li ma jistax ma jkollokx għedewwa, imma xejn la tiddejjaq. M'hawn ħadd fid-dinja, għalkemm f'ħajtu jagħmel il-ġid, sinċier u ma' jweġġa' 'l ħadd, li m'għandux xi għedewwa. Hemm ħaljin ta' nies li l-għira hi hekk magħġuna ġo fihom illi ma jgħaddux jekk ma jippruvawx iwaqqgħu u jagħtu malafama lil min għandu isem tajjeb.

SILVIO PELLICO.

# Taħnin u Għana tan-Nieqa

*Orqod, ibni, orqod,*
*Qalb il-ward u l-ġiżimin.*

MIN xi darba sema' fir-rħula tagħna jew fid-djar fqajra ta' l-ibliet in-noti ħelwa ta' din l-għanja tradizzjonali ma jistax jinsa t-tqanqil li ħass mas-smigħ u mat-timwiġ tan-noti mkarkra maħruġa mill-qalb ta' l-omm—xhieda ta' mħabba safja mfissra f'kull kelma ta' dit-taħnina li n-nisa tagħna wirtu minn għand ommijiethom biex biha jħannu 'l uliedhom iż-żgħar. It-tarbija donnha tagħraf ir-ritmu u, bħalma togħxa biċ-ċekċik taċ-ċwievet quddiem għajnejha, hekk ukoll teħda u titħannen mat-tbennin fin-nieqa jew fuq dirgħajn ommha jonkella mat-tlugħ u nżul tal-kelmiet sbieħ tal-għanja :

Orqod, binti, orqod,
Fil-benniena tal-ħarir.

Il-kisra tal-leħen bil-ftit il-ftit tintefa, l-omm tinduna li t-tarbija għajnha tkun marret biha u wara li titfa' ħarsa oħra lejn in-nieqa, toħroġ fuq ponot subgħajha mill-kamra u tmur tkompli li għandha tagħmel. U t-tarbija tibqa' rieqda fin-nieqa, dehra ta' ħlewwa liema bħalha li l-poeta tagħna Dun Karm għaraf ipitter b'sengħa kbira fil-poeżija tiegħu *Omm* :—

Imken'na fis-sħana ta' nieqa bla tebgħa,
Imwieżna ħarira fuq ġenbha l-lemin,
B'id waħda fejn wiċċha, bl-id l-oħra fuq drieg̃ħha
Ħaddejha bil-warda, xofftejha mbissmin,

Hemm rieqda t-tarbija fil-kamra sabiħa
Li mħabba għajjura b'idejha hejjiet,
Dak ħsiebha jittajjar f'xi ħolma ta' dija,
Dik qalbha tithenna bid-daqq tas-smewwiet (1).

Inħallu għal ftit it-tarbija tixxaħxaħ fil-ħlewwa ta' nagħsha u nersqu naraw kif inhi magħmula n-nieqa li hi rieqda fiha. Mażżewġ ħitan ta' rokna tal-kamra hemm żewġ grampuni li magħhom hemm imdendla żewġt iħbula jispiċċaw b'ħolqa. Fil-ħbula

(1) Ara *Il-Għana ta' Dun Karm—L-Ewwel Ktieb*, Malta, 1939 p. 42.

hemm imdaħħla xkora miftuħa miż-żewġt itruf u l-ħbula jinżammu miftuħa b'żewġ fettiħat hekk li x-xkora mniżżla 'l isfel tiġi bi tnejn u tieħu l-għamla ta' dgħajsa. Fil-qiegħ ikun hemm jew xi mitraħ żgħir jew xi firxa oħra, u mar-ras titqiegħed l-imħadda. Flok tax-xkejjer, in-nieqa ġie li tkun tal-luna, tal-għażel jew ta' xi drapp ieħor, jonkella kutra meħjuta. Ftit 'il fuq mill-fettieħa jkun għaddej ħabel ieħor jintlaħaq mis-sodda ta' l-omm biex bih din tbennen u ċċaqlaq in-nieqa. Aktarx li l-benniena ma tkunx merfugħa mill-art wisq, imma xi drabi ssib innieqa mdendla fil-għoli fuq is-sodda li tintlaħaq malajr meta tkun mimdud.

Dan li għidna jurina, fuq fuq, kif inhi n-nieqa li għadna naraw sal-lum fid-djar fqajra tagħna sew fir-rħula kemm fl-ibliet. Ilha ssir hekk mijiet ta' snin sħaħ, għax ħwejjeġ bħal dawn qajla jitbiddlu jew jintilfu u jintesew għal kollox. Ara kemm li, mitejn sena ilu, il-Kanonku Għawdxi Agius de Soldanis taħt il-kelma *benna* fid-dizzjunarju li ħalla manuskritt kiteb hekk: "*insonnare nella cuna i bambinelli, tirando la cordicella cui viene attaccata detta cuna, cantandogli per invitarli al sonno finchè dormano. Le cune in Malta e Gozo sono formate di tela e panno involto, colle due cordicelle attaccate al muro, non come nell'Italia e Francia in una machina di legno che in terra rimane posata*" (2). Din it-tifsira hija mibnija fuq in-nota li hemm taħt l-istess kelma fil-Ms. 143 E (p. 69): *Il tirare la cordicella per insonnare nella cuna i bambinelli. In Malta e Gozo le cune si fanno su due corde sostenute da due chiodi nel muro, e non di legno come ho veduto in Italia.*"

Qabel ngħaddu iktar 'il quddiem, ingħidu xi ħaġa fuq il-kelma *nieqa*. Il-Professur Ġ. Aquilina, li tlabnieh jagħtina nota filoloġika fuq dil-kelma, kitbilna dan li ġej: "Dwar in-nisel tal-kelma *nieqa* Giacomo De Gregorio fl-'Studi Glottologici Italiani' (Vol. I, p. 134) igħid li l-kelma Sqallija *naca* (Djalett Palermitan), mnejn ħadna tagħna *nieqa*, mhix ġejja mill-Għarbi kif kien jaħseb qabel u kif jaħsbu xi studjużi oħra, imma mill-Grieg *naca*. Marzano fid-'Dizionario Etimologico del Dialetto Calabrese' (1928) inissel il-kelma *naca* mill-Grieg *nake* o *nakos*, 'pelle vellosa che è stata la prima e naturale culla dei bambini'. Oħrajn, kif igħid l-istess Marzano, inisslu dil-kelma mil-Latin *navica*,

(2) R.M.L. Ms. 143a, p. 52.

'piccola nave', mill-għamla tal-benniena, u oħrajn mill-Lhudi *nachett*, 'quiete'. Minn dawn ta' min iżomm in-nisel mill-Grieg *nakos*. Fil-Għarbi l-kelma *nâqa*, li fonetikament setgħet tagħti l-kelma Maltija *nieqa*, tfisser 'ġemel mara', ħaġa li m'għandhiex x'taqsam mat-tifsira tal-kelma Maltija. Il-kelma Semitika Maltija hi dik aktar magħrufa *benniena*, li fis-sens li nagħtuha aħna ma tinsab fl-ebda lsien Semitiku ieħor. Fl-Eġizzjan *bannana* tfisser 'pigeon hole'. Minn nisel il-kelma għandna naħsbu li d-drawwa tan-nieqa daħlet f'Malta m'għand l-Isqallin u fi Sqallija forsi minn għand il-Griegi li għammru n-naħa t'Isfel ta' l-Italja. Din il-kelma jagħtiha wkoll Mortillaro".

Kif rajna, meia, dil-kelma qanqlet l-interess ta' bosta studjużi fil-Kontinent, u sa fl-1934 G. Rohlfs stampa *Problemi Etnografico-Linguistici dell'Italia Meridionale* fir-"*Revue de Linguistique Romane*, IX, fejn wera distrett distrett kif tissejjaħ il-benniena fl-Italja t'Isfel. F'nota interessanti ħafna Carmelina Naselli tgħidilna li mit-tfittix li sar minn Rohlfs skond il-metodu ġeografiku jidher ċar li f'dawk id-distretti fejn il-benniena tissejjaħ *naca* tkun benniena tar-riħ bħal tagħna, waqt li fejn igħidulha *culla* l-benniena tkun mistrieħa fuq l-art (3). B'dan il-kriterju l-gżejjer tagħna, fejn għadek tisma' l-kelma *nieqa*, jagħmlu mad-distretti ta' l-Italja t'Isfel u ta' Sqallija, fejn in-nieqa, bħall-"benniena tar-riħ" tagħna, hija wkoll "a sospensione".

Barra minn dan ix-xebh lingwistiku fl-isem tal-benniena nsibu xebh ieħor ma' Sqallija fil-għamla tan-nieqa. L-istess Naselli li semmejna tiddeskriviha hekk: "*Due corde, correndo lungo le sponde, l'assicurano con l'aiuto di uncini a due anelli fissati al muro; due forcelluzze di canna la tengono bene aperta da capo e da fondo, un cerchietto (circu) la completa quando si voglia adattarvi un padiglioncino. Il movimento le viene impresso per mezzo della mano, oppure per mezzo di un laccio fissato a un margine della navicella e che consente di sospingerla anche stando a distanza*" (4). Fejn ma naqblux ma' Sqallija huwa fil-padiljun li Malta ma tarahx.

---

(3) Carmelina Naselli: *Saggio sulle ninne-nanne Siciliane*, Catania, 1948, p. 11, nota (3).
(4) C. Naselli: *op. cit.*, p. 11.

L-iktar versi popolari tat-taħnina Maltija huma dawn:

Orqod, ibni, orqod,
Fil-benniena tal-ħarir... Naaam!
Dik ommok il-Madonna
Missierek Ġesù Bambin... Naaam!

Il-kelma *nam*, li aktarx fil-għanja tinstema' *lam*, ġejja mill-verb *nam*, *inum*, li tfisser *raqad*. Hija l-kelma karatteristika tat-taħnin Malti, u mqar meta ma tismax il-kelmiet għandek dejjem tisma' t-tkarkir tal-kelma *nam* bil-vokali *a* mtawwla ħafna.

Il-ħlewwa tal-versi Maltin ġejja l-aktar mit-tixbiħ mal-familja ta' Nazareth. Kull omm tħobb tixxiebah mal-Madonna, u għaliha t-trobbija ta' binha għandha mit-trobbija ta' Ġesù. Sa mill-eqdem żmenijiet tal-Kristjaneżmu l-ommijiet Insara qabblu għanjiet sempliċi u ħfief bħal din biex bihom iħannu u jraqqdu t-trabi tagħhom. U fl-immaġinazzjoni tal-poplu kienu jaħsbu li waħda minnhom kienet għannietha l-Madonna stess lil Ġesù meta kien żgħir. Il-lum nafu li għalkemm qadima ħafna, l-għamla tal-versi ta' dik il-għanja ma setgħetx tkun eqdem mis-seklu tnax. Nisimgħu żewġ strofi minnha:—

Dormi, fili, dormi! mater
Cantat unigenito;
Dormi, puer, dormi! pater
Nato clamat parvulo:
Millies tibi laudes canimus
Mille, mille, millies.

.................................

Dormi, decus et corona!
Dormi, nectar lacteum!
Dormi, mater dabo dona,
Dabo favum melleum.
Millies tibi laudes canimus
Mille, mille, millies (5).

Kliem ħafif, ħiereġ mill-qalb; ispirazzjoni ġenwina ta' l-erwieħ Nisranija! Kienu dawk żmenijiet meta t-tradizzjoni Nisranija kienet għadha qed tifrex egħruqha fil-qlub u fl-imħuħ tal-popli ta' l-Ewropa, u mill-ġrajja ta' Kristu xejn ma kien jolqot l-immaġinazzjoni tal-poplu daqs l-istorja tal-mewt u t-twelid

---

(5) Countess Martinengo-Cesaresco: *Essays in the Study of Folk-songs*, Everyman's, No. 673, pp. 233.

Tiegħu. Mill-uffizzjaturi tal-festi u mir-rappreżentazzjonijiet sagri l-poplu kien jaqbad aħjar il-veritajiet tal-fidi Nisranija. U hekk fuq il-Milied ta' kull sena dawk l-erwieħ it-twajba kienu jisimgħu bħal djalogi bejn ir-ragħajja li jmorru fil-għar jifirħu lil Marija u lil San Ġużepp, "et venerunt festinantes et invenerunt Mariam et Joseph et infantem positum in praesepio". U mhux dawn biss kienu marru, imma ħafna oħrajn, fosthom żewġt iqwiebel (*obstetrices*) li jidhru għall-ewwel darba fil-Proto-Evanġelju ta' San Ġakbu, kitba apokrifa tat-tieni seklu li kienet imxerrda ħafna mal-Lvant. Skond versjoni Latina ta' din il-leġġenda, miktuba fir-raba' seklu, Zelomi u Salomen kienu l-ismijiet ta' daż-żewġ qwiebel, u wara s-Seklu VI l-leġġenda nsibuha mfakkra fl-arti, flimkien mat--Twelid tal-Messija (6). Kulħimkien, fejn inqas u fejn iktar, it-tifkira tal-Milied ħalliet il-marka tagħha, u sa fi gżiritna l-ġrajjiet tat-Twelid xegħlu l-immaġinazzjoni ta' misserijietna l-qodma. Għalhekk sal-lum in-nisa t-twajba tagħna għadhom jiftakru mhux biss fit-twelid imma wkoll fixxhur ta' qabel u ta' wara, meta l-Madonna kienet tisqi lil Binha l-ħalib minn Sidirha, u Kristu kien iferraħha bil-kliem "tal-ħelu fommu". Isimgħuha :

Imbierek il-Bambin,
Kemm hu ħelu u ħanin !
Imberkin dawk id-disa' xhur
Li dam il-Bambin ġol-ġuf !
U dak ix-xagħar li għandu
Il-Madonna dafritulu :
Kemm kien iferraħha 'l Ommu
Bil-kliem tal-ħelu fommu !
Minn fommu ħierġa l-ħlewwa :
Imbierek dak is-sider
Għax rabba s-sultan tas-Sewwa.

(Munxar u Rabat, Għawdex).

Versi li jfakkruna f'oħrajn minn Sqallija fejn l-omm tfakkar mal-ferħ ta' binha t-tbatija li batiet sa ma twieled u rabbietu :—

Ti binidicu, figghiu, ogni momentu
Ddi novi misi chi t'appi di stentu;
Ti binidicu quannu ti purtai,
E la chiesa, unni poi ti vattiai;

---

(6) Dom Maurus Inguanez: *Gli Offici Drammatici della Santa Notte*, fl-*Osservatore Romano* tal-25. 12. 43.

Parrinu cappillanu pri cchiu vantu.
Ti binidicu, figghiu, l'ogghiu santu;
Ti binidicu, figghiu, lu cumpari,
Ti binidicu puru la cummari,
Sinu a lu vancu e lu duluri amaru,
E la cannilla chi pri tia addumaru (7).

U d-dehra tal-Presepju, ara ftit kif il-poplu tagħna jiġborha fi ftit versi :—

Ġew is-slaten jadurawh :
Il-baqra tonfoħlu,
In-nagħġa ssaħħnu,
Palma palmata
San Ġużepp u l-Lunzjata.
(Għaxaq).

Naraw hawnhekk li mal-bhejjem li kien hemm ġol-għar ta' Betlem il-mogħża ma tissemmiex. Issa dwar l-imġieba tal-mogħża fit-Twelid il-Maltin igħidu dil-ħrafa : "Meta twieled il-Bambin marru l-bhejjem ħdejh. In-nagħġa saħħnitu bis-suf tagħha, il-baqra nefħitlu u saħħnitu bin-nifs tagħha, imma l-mogħża qagħdet tgħajjat biss. U sa fl-aħħar dejqitu bl-għajjat tagħha, u t-Tfajjel qabadha minn denbha u qalilha : 'Misħuta int u nofs ħalibek!' Għalhekk sal-lum għadek issib illi l-mogħża għandha denbha qasir ħafna u l-ħalib tagħha hu daqshekk ħafif" !

Imma isbaħ minn dawn kollha hemm għanja oħra li l-lum saret biċċa mit-tradizzjoni Maltija. Hija l-għanja tal-poplu, imma nafu li nkitbet qabel l-1864 mill-Ġiżwita Indrì Schembri, minn Ħal Luqa (8). Nisimgħuha ta' kull sena fil-knejjes u mat-

---

(7) C. Naselli : *op. cit.*, p. 46. Bil-Malti bejn wieħed u ieħor tiftiehem hekk : "Inbierek, ibni, kull ħin u kull mument tad-disgħa xhur tat-tqala; ta' meta ħadtek il-knisja, fejn imbagħad għammidtek, u għall-unur għammdek il-kappillan. Ikun imbierek, ibni, dak iż-żejt imqaddes, xbini u xbinti, kif ukoll dak il-bank u dak l-uġigħ qawwi u x-xemgħa li xegħlu mħabba fik".

(8) P. Andrea Schembri : *Ġemgħa ta' Għiem Imkaddes*, Malta, 1910, pp. 31-33. L-ewwel darba li ħarġet din il-*Ġemgħa* kien fl-1864, it-tieni darba fl-1906. Fuq Patri Indrì Schembri ara l-istudju tat-tabib G. Galea "*Il-Malti* ta' Ġunju-Settembru, 1940. L-innu li ġibna hawnhekk jidher ukoll stampat fi ktejjeb ta' *Innijiet tal-Milied*, maħruġ mill-"Għaqda tal-Qari Tajjeb" fl-1946, biss hemm imsemmi li hu *anonimu* u ma fihx ħlief tmien strofi flok ħdax.

triqat, titkanta mit-tfal żgħar waqt il-purċissjonijiet tal-Milied —l-isbaħ *ninna nanna* li tista' togħġob lit-Tfajjel li għadu kemm twieled ġol-għar. Inġibuha sħiħa :—

Ninni, la tibkix iżjed,
Ninni, Ġesù Bambin;
Ħalli għalina l-biki
Għax aħna midinbin.

Ejjew, ejjew, ja Anġli,
Mis-sema mija mija,
Taraw 'l Alla li ħ'laqkom
Bambin ġewwa l-fisqija.

Ejjew, taraw b'għajnejkom
Lil dan Alla tal-ħniena,
Bambin sabiħ u ħelu,
Ininni ġol-benniena.

Ħallu, ragħajja, ħallu
Il-merħla tan-nagħġiet,
Tibżgħux, min jindokrahom
Hemm l-Anġli tas-smewwiet.

Hallu, w ejjew taraw,
Fil-Grotta l-ġid li ġiena :
Hawn Alla Bambin ċkejken
Ininni ġol-benniena.

Ejjew, slaten tad-dinja,
Imma mingħajr kburija,
Taraw min ħalaq kollox
Magħmul ċkejken tarbija.

Dan Alla dejjem ħabbna,
Dan Alla qatt ma nsiena,
Il-ħlewwa araw li biha
Ininni ġol-benniena.

Sar bniedem, sar tarbija,
Biex jiġbed il-qlub tagħna,
Sabiex jeħodna miegħu
Għalhekk ġie joqgħod magħna.

Marija, lil dan Ibnek,
O kemm inħobbu jiena!
Ħallini, ħelu ħelu,
Inxejru ġol-benniena.

Lam!... o għana tas-Sema!
Lam!... o Ġesù ħarin;
Lam!... o hena tad-dinja
Lam!... o Ġesù Bambin!

Ġesù, dal-biki tiegħek
Inħossu jġibli ħniena,
Ninni, la tibkix iżjed,
Ninni ġewwa l-benniena.

Imma issa nerġgħu lura għal dik l-omm twajba li qiegħda tbennen it-tarbija mqarba li m'hemmx li torqdilha. Minn quddiem għajnejha għaddejja ħafifa d-dehra ta' ħajjitha żagħżugħa. Tiftakar fi tfulitha, kemm trabbiet u tkissret fuq ix-xogħol u l-ħidma tad-dar, fis-satra u fil-biża' t'Alla... Imbagħad kibret u saret xebba u tgħarrset kmieni għax la l-frotta ssir tinqata' trid. U wasal jum it-tieġ, ħarġet minn dar ommha u qalbha kienet tħabbat qawwi sa ma taw il-kelma quddiem il-qassis. Sewwa sew bħal tal-għanja :—

L-għarusa sejra ttejjeġ,
Iftħulha l-bieb il-kbir;
Qalbha ttaqtaq sitta sitta
Sakemm tgħid is-*sinjor sì*.

Gerrbu l-ġimgħat u x-xhur u mbagħad bdew ġejjin it-tfal u x-xogħol żdied, u issa tiftakar, donnu l-bieraħ, meta kienu darba bdew igħannu u semgħethom igħidu hekk :

Għarusa ta' l-ewwel sena,
Kemm xerqitlek il-ħannieqa!
La tgħaddi sena minn fuqek
Lesti l-ħabel għal man-nieqa.

L-omm għadha hemm, tbennen u tħannen, u aħna hawnhekk sa nġibu l-kliem tradizzjonali li l-lum aktarx ma għadux jingħad kollu. Nisimgħuha mela, kif waslet dit-taħnina għand in-nisa tagħna mill-omm għall-bint, minn seklu għal ieħor :

Orqod, ibni, orqod,
Fil-benniena tal-ħarir;
Dik ommok il-Madonna
Dak missierek San Ġwakkin.

*Madonna:* "Orqod, ibni, orqod,
Biex nghattik bix-xugaman!"
*Ġesù:* "Matri, ma nistax norqod,
Għax niftakar fil-musmar".

*Madonna:* Orqod, ibni, orqod,
Ngħattik bin-nofs maktur".
*Ġesù:* "Matri, ma nistax norqod
Għax niftakar fid-dulur".

Il-ħrieqi ta' Ġesù Kristu
Minxurin fuq ii-gazzija,
Ġużeppi jbennen u jħannen
Marija ġġiblu l-fisqija.

Il-ħrieqi ta' Ġesù Kristu
Minxurin fuq il-ħaxix,
Min iġerri wara Kristu
Minn midneb isir qaddis.

Il-ħrieqi ta' Ġesù Kristu
Minxurin fuq ir-riħana,
Ġużeppi jbennen u jħannen
U Marija bih ferħana.

Il-ħrieqi ta' Ġesù Kristu
Minxurin fuq il-ħurtan;
Il-Madonna tħill u tfisqi,
San Ġużepp x'inhu ferħan!

Orqod, ibni, orqod,
Qalb il-ward u l-ġiżimin;
Dik ommok il-Madonna
Dak missierek il-Bambin.

Orqod, ibni, orqod,
Biex la tikber tmur l-iskola,
Illibbsek il-libsa bajda,
U minn fuqu polka vjola.

Ejjew, Anġli tas-Sema,
Ejjew wieħed u ħamsin.
Biex teħduli 'l ibni magħkom
Biex tgħallmuh il-Matutin.

Ejjew, Anġli tas-Sema,
Ejjew intom, mija mija,
Ħudui 'l ibni magħkom
Tgħallmuhuli l-Litanija.

Ejjew, Anġli tas-Sema,
Ejjew, erwieħ beati,
Ifirħu b' (isem it-tarbija) tiegħi,
Għax ruħu 'l Alla jrid jagħti.

Li kont naf dak ngħasek fejnu
Kemm kont niġri mmur għalih!
Ġewwa karta bajda nsorru
'L ibni ċkejken niġi ntih!

Ejja, nagħsu, ejja,
Ejja, mill-bogħod, għajjien;
Biex traqqadli 'l ibni ċ-ċkejken,
Ħalli minnu nistrieħ jien.

Orqod, ibni, orqod,
Fil-benniena tal-ħarir;
Ommok Santa Klara,
Missierek Santu Wistin;
Hutek kollha l-Kapuċċini
Missierek Ġesù Bambin.

Din hija l-għanja miġjuba sħiħa kemm jista' jkun. Kif diġà wrejna, wara t-tieni u r-raba' vers ta' kull strofa tiżdied, wara waqfa, il-kelma *nâm* imkarkra. Il-lum aktarx li qatt ma tisma' l-għanja kif ġibnieha sħiħa, u l-iktar magħrufa l-ewwel strofa. Il-professur Luigi Bonelli kien ġabar xi sitt strofi li mbagħad dehru fil-ktieb żgħir li ħareġ, *Saggi del folklore dell'Isola di Malta*, Palermo, 1895. Il-ħabib tagħna Ninu Cremona ġabar disa' strofi oħra mill-fomm ta' waħda mara ta' dwar is-sebgħin sena, minn Ħal Tarxien. (ara *Il-Malti*, Marzu, 1931). Dawna kollha jiena għaqqadthom flimkien hawnhekk biex nagħti l-għanja sħiħa. Żidt biss is-seba' strofa, li jiena smajt miż-Żebbuġ t'Għawdex, ħallejt barra strofa milli ġabar Bonelli li tidher għaliha waħidha iktar 'il quddiem f'dan l-istudju, u biddilt l-ordni ta' l-istrofi biex jidhru wara xulxin dawk li għandhom x'jaqsmu jew jitkellmu fuq l-istess ħaġa. B'hekk issa nistgħu nieqfu ftit u

niflu bir-reqqa din-*ninna nanna* Maltija, naraw aħjar minn liema elementi tissawwar u fuq liema leġġendi tinbena. Nistgħu naqsmu t-taħnina Maltija fi tliet taqsimiet: (a) id-djalogu bejn il-Madonna u Ġesù; (b) il-ħajja tas-Sagra Familja, u (ċ) sejħat lill-Anġli, qaddisin, eċċ., biex iraqqdu t-tarbija. Mill-ewwel żewġ taqsimiet jidher ċar dak li ġà għedna li din l-għanja tan-nieqa nbniet fuq it-tixbih ta' l-omm u t-tarbija mal-Madonna u l-Bambin.

Id-djalogu narawh mimli *pathos*, u jġibilna quddiem għajnejna dehra ta' qsim il-qalb. Ġesù tarbija fil-benniena jaf bittbatija li għad irid iġarrab, u mħabba f'hekk ma jistax ikun li jorqod u jistrieħ sakemm għandu quddiemu d-dell iswed tal-Għuda tal-Golgota. Minn hawn ġejja t-tnehida mìsluta mill-qalb tat-Tfajjel: "Matri, ma nistax norqod, għax niftakar fid-dulur", jonkella "fil-musmar". Għandna quddiemna l-istess delikatezza fid-djalogu, l-istess sentimenti għolja ta' mħabba bejn l-omm u l-iben, l-istess qsim il-qalb li nsibu mxerrdin kullimkien fl-Italja u fi Sqallija, fid-djalogu bejn Marija u Ġesù fejn is-Salib, filversi ta' Jacopone da Todi (1240-1306), li sa nġibu hawnhekk, meħudin mill-*Pianto della Vergine* (9).

.............................

C. Mamma, ov'ei venuta?
Mortal me dai feruta,
che 'l tuo piagner me stuta
che 'l vegio si afferrato.

V. Piangono che m'agio anvito.
Filglio, pate e marito,
filglio, chi t'à ferito,
filglio, chi t'à spogliato?

C. Mamma, perchè te lagni?
Voglio che tu remagni,
che serve li compagni,
ch'al mondo agio acquistato.

V. Filglio, questo non dire;
volglio teco morire,
non me volglio partire
fin che mo m'esce el fiato;

(9) Ara Francesco Torraca: *Manuale della Letteratura Italiana*, Vol. 1, Parte 1, Sec. XIII, Firenze, 1908, p. 27.

ch'una agiam sepoltura,
filglio de mamma scura :
trovarse en affrantura
mate et filglio affocato.

Insibu fit-tradizzjoni Maltija motivi oħra popolari li jixxiebhu ħafna ma' dan li semmejna, jiġifieri li xi ħadd jagħraf x'għad irid jiġi. Inġibu żewġ strofi minn taqbila ħafifa fuq id-Duluri tal-Madonna miġbura mir-Rabat t'Għawdex, fejn insibu l-Madonna li fit-trobbija ta' Ġesù tara u tifhem x'għad irid isofri u jġarrab Binha :

...................................
Nagħdrek, o Reġina tal-Martri,
Fis-sitta dulur, meta kont tgħidlu :
"Dal-ħalib li qed nisqik
Kollu għad trid tixorbu ħall u mrar
Fuq il-Għuda tas-Salib".

Nagħdrek, o Reġina tal-Martri,
Fis-seba' u l-aħħar dulur,
Meta kont tgħidlu : "Kemm kont inħobbok u nfisqik!
Issa tinsab mejjet ġo ħdani,
Fuq l-Għuda mqaddsa tas-Salib."

F'versi oħra niltaqgħu ma' xeni intimi ta' mħabba bejn il-Madonna u Binha. Għandna hawnhekk l-immaġinazzjoni tal-poplu fl-aqwa tagħha. Għadu kemm miet bniedem, u r-ruħ tiegħu ġiet ikkundannata għall-Infern. Diġà kienu sejrin biha, imma f'daqqa waħda waqqfithom il-Madonna, "omm il-ġid u omm i-ħniena", u marret quddiem Binha bħala avukata tar-ruħ mitlufa. U fuq it-talb tagħha Kristu ħenn u rħielha f'idejha r-ruħ tal-mejjet biex tifdiha kif trid Hi. Isimgħu d-djalogu :

Qaltlu : "T'ranix, ibni, ġejt quddiemek?
Għajnejja mtlew bid-dmugħ !"
Qallha : "Mur, Matri, minn quddiemi,
Tħallinix narak bid-dmugħ f'għajnejk :
X'inhija? — Dir-ruħ devota tiegħek?
— Il-grazzi kollha f'idejk!..."

(San Lawrenz, Għawdex).

Hawnhekk ukoll isejjaħ lil Ommu "Matri". Imma mhux hekk f'taqbila oħra reliġjuża, fejn għandna xena oħra tal-ġudizzju, bil-Madonna taqbeż għalina ma' Ġesù :

Triegħdet l-art, triegħdu s-smewwiet :
Qallha : "Ommi, sa nisħethom !"
— Qaltlu : "Ibni, tisħethomx
Imħabba l-ħalib li tajtek".
Qallha : "Ommi, sa nisħethom !"
— Qaltlu : "Ibni, tisħethomx
Imħabba t-33 sena li rabbejtek".
Qallha : "Ommi, sa nisħethom !"
— Qaltlu : "Ibni, tisħethomx
Imħabba l-festa li twelidt fiha."
Qallha : "Ommi, sa nisħethom !"
— Qaltlu : "Ibni, tisħethomx
Imħabba l-ħamiem (10) li tgħammidt fih."
Qallha : "Ommi, sa nisħethom !"
— Qaltlu : "Ibni, tisħethomx
Imħabba t-trejbu (11) li qed ngħidlek."
(Iż-Żebbuġ, Għawdex).

It-tieni taqsima turina dehriet mill-ħajja ta' Kristu. Il-Madonna taħsel il-ħrieqi ta' Binha u tonxorhom issa fuq is-siġra tal-gazzija, issa fuq il-ħaxix, u issa fuq ir-riħan jew il-ħurtan. Il-missier, San Ġużepp, lest biex jagħtiha daqqa t'id u għalhekk sakemm hi tlesti biex tħoll u tfisqi huwa joqgħod ibennen u jħannen lit-tarbija.

---

(10) *Hamiem*: Banju, aktarx pubbliku. Għandna post jismu *Għajn Hamiem*, barra l-Imdina, u fid-dutrina l-qadima konna ngħidu *Għid il-Hamiem* flok it-*Tre Re*. De Soldanis fid-dizzjunarju tiegħu manuskritt (Nru. 143a, p. 126) ifisser kif dan l-isem ġej mill-fatt li Kristu f'dan il-jum tgħammed minn San Ġwann Battista fl-ilma tal-Ġurdan. Igħarraf ukoll li f'dan il-jum fl-ewwel żmenijiet tal-Knisja kienu jbiekru l-ilma u sal-1757 dan it-tberik ta' l-ilma baqa' jsir ġo Venezja fil-parroċċi kollha. Iċ-ċerimonja kienet tissejjaħ *Benedizione dei Pozzi*.

(11) *Trejbu*: Isem ta' talba popolari ħafna li tagħha ġbart ħafna varjanti sew f'Malta kemm ukoll Għawdex. Smajthom isejħulha wkoll *Brejbu*. Aktarx li hi korruzzjoni tal-kelma Taljana *Verbo* bil-bidla ta' *v* f'*b* u mbagħad f'*t*, forma diminuttiva. Bit-Taljan hemm talba tixxiebah ħafna ma' tagħna li tissejjaħ *Il Verbo*. Ara Paolo Toschi: *La Poesia Religiosa del Popolo Italiano*, Firenze, p. 169.

Xejn ma nistagħġbu b'din il-versjoni popolari tat-trobbija ta' Kristu. Hawn Malta għad fadlilna ħafna stejjer li jfakkru fit-tfulija ta' Ġesù u li nistgħu ngħodduhom bħala leġġendi apokrifi. Nafu kif Ġużeppi kellu jaħrab mill-art ta' Ġuda mħabba l-qilla ta' Erodi u jħarrab miegħu lill-Madonna u lill-Bambin fuq ħmara. B'xhieda ta' dan il-Maltin igħidu li l-ħmir imnisslin minn dik li fuqha ħarbu għadhom iġibu l-marka taħt għamla ta' salib għaddej fuq daharhom u ma' spallejhom u sal-lum għadek tisma' min isemmi din ix-xorta ta' ħmir "tas-salib". Igħidu wkoll li waqt il-ħarba l-Madonna darba daħlet tistrieħ taħt siġra tat-tamar li kellha ħafna egħnieqed sbieħ. U meta daħlet taħtha l-Madonna qalet: "O! Kemm hi sabiħa! Xi ġmiel!"* U sal-lum fuq il-għadma tat-tamra għadek issib imħaffra l-ittra "O" biex tfakkar il-għaġeb ta' Marija. Barra minn hekk in-nisa tagħna jgħidu u jemmnu li nhar ta' Sibt, ħin jew ieħor, ikun maltemp jew lè, għandha toħroġ x-xemx għax il-Madonna nhar ta' Sibt kienet ixxemmex il-ħwejjeġ tal-Bambin. U darba tul il-ħarba ta' l-Eġittu, il-Madonna bierket is-siġra tal-gazzija u minn dak in-nhar dis-siġra baqgħet dejjem tfewwaħ. Imma isimgħu kif igħiduha sewwa din tal-gazzija: "Mela darba waħda deher Anġlu t'Alla lil San Ġużepp u qallu: 'Aħrab għall-Eġittu għax Erodi qed ifittex lil Ġesù biex joqtlu'. Kellu San Ġużepp ħmara u fuqha rikkeb lill-Madonna mbeżżgħa tħaddan magħha lil Binha. San Ġużepp ma rikebx imma qagħad fejn ras il-bhima jsuqha, jixtieq li kellu l-ġwienaħ biex iħarrab it-tnejn għeżież. Imxi u erġa' imxi, San Ġużepp ħass riġlejh igħajjew: il-Madonna ħennet għalih għax kien xiħ u qaltlu: 'Ġuż, nieqfu hawn'. U waqfu, u fejn waqfu kien hemm nixxiegħa. San Ġużepp seqa l-bhima u l-Madonna ħaslet il-ħrieqi ta' Ġesù ġo fiha. Imbagħad ħarset madwarha u ma sabetx fejn tnixxifhom. Kien hemm biss blata għolja ħafna kollha trab u mhux la kemm titla' fuqha. Imma l-Madonna ma kinetx taqta' qalbha. Għamlet idha fuq għajnejha biex tilqa' x-xemx, reġgħet ħarset madwarha u rat xi ħaġa tfiġġ ftit ftit mill-art. Hemmhekk kienet ħarset qabel u ma kien hemm xejn. Dil-ħaġa kienet siġra, u dik is-siġra kienet gazzija. Il-Madonna niżlet għarkobbtejha u tat qima lil Binha. Imbagħad għasret il-ħrieqi sewwa u perrċithom fuq il-friegħi tal-gazzija. Ix-xemx ratha, ħennet għaliha u f'kemm trodd salib nixxfithomlha. Il-Madonna reġgħet fisqiet lil Ġesù u, wara li striehu xi ftit, rikbu l-ħmara u telqu. Imma qabel telqu l-Madonna bie-

set is-siġra tal-gazzija talli żammet fuq il-friegħi tagħha l-ħrieqi ta' Binha, u berkitha u qaltilha: "Mii-lum 'il quddiem inti tibda tagħmel ħafna ward ifuħ u sabiħ daqs id-deheb" (12).

Dwar il-kontenut reliġjuż ta' dawn l-istrofi naraw ir-rabta li hemm bejn is-sentiment Nisrani u dak tal-familja. Minn fatt ċkejken fit-tfulija ta' Ġesù tixgħel il-fantasija ta' l-omm u tfakkar fix-xebh li hemm bejnha u bejn dik ta' binha—bin il-poplu li xortih hija ħajja iebsa u tqila imma fl-istess ħin taħraq bl-imħabba u mimlija lwien tal-fantasija. Fuq hekk fisser ruħu b'dal-kliem il-Professur Paolo Toschi, ta' Ruma: "*Nella fantasia della madre amorosa il Divino infante scende presso la culla della sua creatura, e convive, gioca, parla con essa. Tutta la Sacra Famiglia viene immaginata in scene d'intimità domestica che rispecchiano quelle di una famiglia di povera gente. In una graziosissima ninna-nanna siciliana vediamo la Madonna che siede intenta a rappezzare i panni di San Giuseppe mentre l'Angelo Raffaele culla il Bambino Gesù:*

*La Madunnuzza in cammara sidia,*
*Li rrobbi a San Giuseppi arripizzava,*
*pizzuddi vecchi e novicci mittia*
*ca tanti bbeddi cci l'accumudava.*

---

(12) Dawn il-leġġendi smajthom minn Hal Luqa. L-aħħar versjoni, dik tal-gazzija, dehret fir-rumanz *Taħt Tliet Saltniet* (2ni Ediz., p. 102) tal-Prof. G. Aquilina, li semagħha mill-Munxar, Għawdex, minn għand mara ta' fuq is-70 sena.

Fil-Palestina tingħad leġġenda ħelwa ħafna li tixbah lil tagħna, biss flok il-gazzija tidħol ix-xitla tas-salvja. Dis-siġra hemmhekk igħidulha *il-Marjamija*, għall-Madonna, u r-raġuni hija din. Meta Sidtna Mirjam (il-Madonna) ħarbet mill-Eġittu bil-Bambin magħha, għajjiet u qagħdet tistrieħ bil-qiegħda għad-dell ta' xitla. U qatgħet fergħa minnha u xxuttat l-għaraq ta' wiċċha biha sakemm ħassitha reġgħet ġiet f'tagħha bil-fwieħa tax-xitla. Imbagħad qalet lix-xitla: "Tkun imbierka għala dejjem". U minn dak in-nhar ix-xitla baqgħet tissejjaħ *Mirjamija* b'tifkira tal-Madonna. (Ara Crowfoot and Baldensperger: *From Cedar to Hyssop*, London, 1932, p. 79; ukoll J. E. Hanauer: *Folk-Lore of the Holy Land*, London, 1910, p. 287).

Għalkemm iż-żewġ xtieli jaqblu fil-leġġenda tagħhom ma jaqblux imbagħad fit-twemmin tal-poplu ta' Malta u tal-Palestina dwarhom. Għalina l-gazzija riżqha ħażin għax toqtol il-kap tad-dar, waqt li għall-Għarab: "Kif jista' bniedem imut jekk ikollu s-salvja fil-ġnien tiegħu?".

*Lu Bammineddu a la naca chiancia*
*l'ancilu Raffaeli l'annaccava;*
*tri palureddi duci cci dicia:*
*— "A la vò, Gesù, figghiu di Maria!"* (13).

Fil-versi Maltin insibu l-Madonna tfisqi, San Ġużepp ibennen u jħannen; fi Sqallija l-Madonna tredda' 'l Binha, Santa Marta u Santa Madalena jgħinuha tarma n-nieqa waqt li San Ġużepp joqgħod ibennen. Xena bħalhom mit-Toskana li aktarx għandha nisel letterarju turi l-ħajja fqira u umli tas-Sagra Fa milja :

Maria lavava
Giuseppe stendeva
Suo figlio piangeva
dal freddo che aveva.
— "Sta zitto, mio figlio,
che adesso ti piglio!
Del latte t'ho dato,
del pane un ce n'è.
La neve sui monti
cadeva dal cielo,
Maria col suo velo
copriva Ġesù.

Sentimenti ġenwini li jinsabu f'kull art fejn tħabbat il-qalb imqanqla mill-ġrajja tat-Tfajjel ta' Nazareth.

Fit-tielet taqsima naraw l-omm iddur fuq l-Anġli tas-Sema u l-qaddisin, titlobhom biex dawn jiġu jraqqdulha t-tarbija. U ssejjaħ mhux Anġlu wieħed, imma wieħed u ħamsin, u jekk hemm bżonn imqar jiġu minnhom mija mija. Għandha x'tagħmel, u tixtieq teħles minnu għal ftit. Imma fil-qalb ta' qalbha għadha ssaltan l-imħabba lejn binha, u għalhekk quddiem għajnejha dejjem iżżomm il-ġid tiegħu. X'tixtieq? Li jeħduh magħhom l-Anġli u jgħallmuh il-Matutin, jew Litanija; li meta jikber imur l-iskola ħalli jitgħallem, li jilbes sabiħ, li tarah jarmi l-ħajja wara spallejh u jagħti ruħu 'l Alla fil-qasam tal-Mulej. Xewqat li kull omm tħoss u toħlom għal binha. U biex iseħħ dan kollu ddur lejn il-qawwiet soprannaturali, lejn il-Madonna, Sta.

(13) Għal din *in-ninna-nanna*, kif ukoll għall-oħra mit-Toskana, ara Paolo Toschi: *Saggi sull'arte popolare*, Roma, 1944, p. 59.

Klara, San Ġwakkin, San Ġużepp u l-Anġlj tas-Sema. Jonkella ssejjaħ lin-nagħas bħallikieku dan kien xi bniedem bħalna. Issejjaħlu biex jiġi mill-bogħod mill-bogħod, u jraqqdilha 'l binha, u jekk hemm bżonn tmur hi stess u ġġibu misrur ġo karta ħalli binha jorqod.

Għidna li l-omm Maltija ssejjaħ lin-nagħas biex jiġi mill-bogħod. Isma' l-istess ħsieb kif ifissruh fi Sqallija:—

Sonnu, veni di luntanu,
Addummiscìtila, Sammastianu;
Suonnu, veni di Livanti:
Bedda, ti ficiru 'l Santi...

(Noto)

u f'Monterosso jgħidu:—

Veni, suonnu, di lu mari,
Suonnu, di tanta via nun h'a tardiari (14).

Fuq il-personifikazzjoni tan-nagħas, Naselli tgħid li n-Nagħas jiġi dejjem mill-bogħod, u l-omm malli tarah tistaqsih bil-ħniena: "Fejn sejjer tiġġiera?" u l-ieħor igħid: "Sejjer inraqqad it-trabi, u nraqqadhom tliet darbiet kull jum: fil-għodu, f'nofs in-nhar u fil-għaxija..." (15). Aħna hawn Malta, kif rajna, ma naslux sa hawn, imma n-Nagħas fit-tradizzjoni tagħna jiġi wkoll mill-bogħod, u jasal għajjien.

Hemm xi motivi oħra fil-għanja Maltija li fihom ħsebijiet ħfief u naturali, xbihat ħelwa li huma tal-poplu— u mhux tal-poplu tagħna biss. Nisimgħu għalhekk li t-tarbija torqod "fil-benniena tal-ħarir", u "qalb il-ward u l-ġiżimin". Fi Sqallija n-nieqa nsibuha issa qalb il-larinġ ('mmenzu l'aranci), issa qalb iż-żebbuġ ('mmenzu l'olivi), jonkella qalb il-ward ('mmenzu la rrosa). Fi kliem ieħor, kullma fiha n-nieqa kollox mill-aħjar: nieqa ġdida, bil-ħbula tad-deheb, grampuni tal-fidda, ċirku tal-qroll:—

Durmiti, figliu, cà la naca è nova,
D'oru li cordi e d'argentu li chova
Lu chirchiteddu di curallu finu:
Durmiti, figliu, sinu a lu matinu

(Resuttano)

---

(14) C. Naselli: *op. cit.*, p. 24.
(15) C. Naselli: *op. cit.*, p. 80. Ara wkoll G. Pitrè: *Canti Popolari Siciliani*, Vol. II, Roma, 1941, p. 31.

Mindaqqiet nisimgħu versi oħra li fihom l-omm tidher li tilfet is-sabar kollu tagħha għax it-tifel ma jridx jorqod. U għalhekk tismagħha tinfexx f'għanja li tixbah lil dik ta' qalb żagħżugħa mċaħħda mili-imħabba, għalkemm min jissemma' sewwa jagħraf malajr li hija l-omm li qiegħda tagħdab talli binha, li hija tħobb daqs dawl għajnejha, qed jinkiha u jaħqarha b'għamilu :—

Li kont naf is-sabar fejnu
Kont ngħidlu : Sabar, sabbarni !
— "Is-sabar b'idejja nieħdu
Għax ħabbejt lil min ħaqarni (16).

Drabi oħra nħossu bħal nota materjali jew aħjar utilitarja fit-taħnina ta' l-omm. Għax din mhux biex jistrieħ tridu jorqod, imma tixtieq li jdum rieqed ħafna sigħat biex hekk tiffranka x-xogħol kemm jista' jkun :—

Orqod, ħanini, orqod,
U xejn m'għandek għaġġla tqum;
Niffranka l-ħasil tal-ħrieqi
Barra x-xiri tas-sapun.
(Żebbuġ, Għawdex).

Iċ-ċaqliq tal-benniena jixbah liċ-ċaqliq tad-dgħajsa fuq il-mewġ tal-baħar, u hekk insibu kultant li l-omm issejjaħ id-dgħajsa, flok in-Nagħas, biex tiġi traqqdilha 'l binha. Ismagħha :—

Traponzu sejjer jorqod
Di preċettu fil-benniena,
Inti, dgħajsa, raqqaduli
U ejja minn wara l-bejt;
X'ħin tiġi w itraqqaduli
Erġa' mur minn fejn tkun ġejt.
(Żebbuġ, Għawdex).

L-istess ħsieb insibu fi Sqallija, u jkolli ngħid f'ħafna pajjiżi oħra. Naselli fil-ktieb li semmejna tgħidilna li x-xbieha tannieqa titbandal mal-mewġ tinsab imxerrda ma' Sqallija kollha. Waħda min-*ninne-nanne* li jgħidu f'Patti, tibda hekk :—

---

(16) Din hi l-istrofa li kien ġabar Bonelli u li jien ħallejt barra mit-taħnina Maltija għax deherli li aħjar inġibha għaliha billi ma tantx għandha x'taqsam ma' l-istrofi l-oħra u tixbah il-għana ta' l-imħabba.

Voca, voca marinaru
Ca lu celu non è chiaru;
Pri lu sannu chi calò
Fa la ninna e fa la vò.

Issa ma' din nitħajru nqabblu fil-bogħod it-taqbila tat-tfal Maltin waqt li jkunu qed jilagħbu u jbandlu 'l xulxin fl-art:—

Dgħajsa vapur,
Jerġa' jiġi u jerġa' jmur;
Dgħajsa bittija
Bil-ġuġu ta' Sqallija.
(Tarxien).

Baqgħalna ngħidu xi ħaġa fuq il-metrika u l-mużika tan-*ninne nanne* tagħna. Dan it-taħnin aktarx insibuh li jimxi bħall-istrofi ta' erba' versi ta' tmienja, għalkemm ġie li ssib versi mħall-tin, daqqa ta' sitta, daqqa iktar u oħra inqas:—

Orqod, binti, orqod,
Fil-benniena tal-ħarir,
Ommok il-Madonna
Missierek San Ġwakkin,
Ħutek kollha l-kapuċċini
L-għarus tiegħek il-Bambin.

Ir-rima ġie li tkun alternata, u aktarx li tinħadem l-assonanza flok ir-rima. F'dan jixbhu lill-versi l-oħra ta' xeħta popolari. Dwar il-mużika ma nistgħux ingħidu wisq għax għal dan trid tkun imħarreġ sewwa f'dis-sengħa. Biss jidhrilna li tkun ħaġa tajba għall-istudju tal-mużika popolari Maltija li wieħed jiġbor il-kitba mużikali taż-żewġ għanjiet "Orqod, ibni, orqod" u "Il-Benniena ta' Ġesù Bambin", li tista' tgħid jaf-hom kulħadd għalkemm studju fuqhom *ad hoc* għadu ħadd ma ndaħal għalih. Nixtieq hawnhekk niżżi ħajr lil Maestro A. Muscat Azzopardi li kitibli l-mużika tat-tieni għanja u lis-Sur Karm Zarb, tal-Mużew, talli ddubbali l-mużika ta' l-oħra li jkantaw it-tfal tal-Mużew fil-Milied. It-tama tiegħi hija li xi ħadd 'il quddiem għad jitħajjar jistudja bis-serjetà l-mużika popolari tal-għejjer tagħna.

Bħalma l-metrika tal-għana Malti tingħażel minn dik tal-*canzuna* ta' Sqallija, hekk ukoll bl-istess mod it-taħnin Malti jingħaraf mill-*canzuni di naca* Sqallin, għax waqt li tagħna mib-

nijin bi strofi ta' erba' versi l-waħda, dawk Sqallin il-biċċa l-kbira jinqdew bl-ottava Sqallija b'żewġ rimi alternati. Jixxiebhu mbagħad, kif rajna, fil-ħsieb u fil-motivi. Imma billi x-xebh f'dawn il-ħwejjeġ mhux dejjem ifisser self, nistgħu jekk irridu nimxu mal-kurrent ta' l-istudji tal-lum li jħallu 'l dak li jkun jaħseb jew jammetti l-poliġenesi fil-każ tan-*ninne-nanne* (17). Għal din il-konklużjoni kienet kieku tgħinna nersqu d-divrenzja li hemm bejn il-Malti u l-Isqalli. Biss ma nistgħux naħarbu mill-fatt li fil-poeżija reliġjuża popolari dak li jgħodd mhux l-ilsien daqs kemm il-ġrajjiet u l-veritajiet tal-fidi li minnhom jitnisslu l-għanjiet u l-versi tal-poplu. Fi kliem ieħor, il-kelmiet tal-għanja huma biss il-libsa ta' fuq, u l-ħsieb issibu xorta kull fejn waslet u xterdet il-kelma tal-Galilew. Għalhekk għal dak li hu svilupp tal-poeżija popolari aħna nitħajru nqiegħdu t-taħnin tagħna ma' ġenb dik ix-xorta ta' għanjiet popolari li fl-Italja jissejħu *canzuni lirico-narrativi*. F'dawn għandek issib dejjem is-Sagra Familja u l-persunaġġi li fihom tfakkarna — San Ġużepp, San Ġwakkin, il-Madonna, Ġesù, l-Anġli u xi qaddisin eċċ. U ċ-ċentru mnejn ħarġu u tferrxu dawn il-għanjiet kien aktarx Sqallija għax hemm l-iktar li kien hemm minnhom u l-iktar li għadhom jinsabu mxerrda. U jekk studjużi barranin jammettu li mill-Gżira tax-Xemx, kif inhi magħrufa Sqallija, id-diwi tagħhom wasal sal-provinċja mbiegħda ta' l-Italja, ħaġa kbira mela li l-mewġ ta' l-influwenza ta' Sqallija laħaq ukoll ix-xtajta ta' Malta u Għawdex? Fuq hekk inħallu jitkellem bniedem li huwa fost l-aqwa awtoritajiet ta' żmienna fuq il-folklore reliġjuż, il-Professur Paolo Toschi :—

"... *queste 'canzuni' lirico-narrativi religiose presentano caratteri di grande semplicità e spontaneità, sono quindi 'popolari' per eccellenza; di più si riconnettono con tali componimenti, le 'ninne-nanne', che risalgono quasi sempre a tempi molto remoti: sicchè non mi pare arrischiata l'ipotesi che queste pie leggenduole siano tra le più antiche 'canzuni' che la tradizione orale ci abbia tramandato. Inoltre vediamo che questo gruppo di 'canzuni' raggiunge il suo massimo numero e la sua massima diffusione in Sicilia; ogni probabilità è quindi per l'opinione che la Sicilia sia il loro primitivo luogo d'origine*" (18).

(17) C. Naselli: *op. cit.*, p. 79.

(18) Paolo Toschi: *La Poesia Popolare religiosa in Italia*, Firenze, 1935, p. 41.

Issa wasalna biex nagħalqu. Naf li b'dan li għidt u ktibt ma nkunx għidt kollox fuq das-suġġett. Biss naħseb li għidt biżżejjed biex nuri li f'din il-fergħa tal-folklore aħna wkoll għandna xi ħaġa li writna mas-snin minn għand misserijietna u ommijetna bħala xhieda u tifkira tal-ħajja qadima tagħhom li l-lum, biil-ftit il-ftit, qed tintilef u tgħib fost il-ġiri, l-għaġla u t-taħbit tal-ħajja tas-seklu għoxrin. La ma nistgħux inwaqqfu l-ħajja mill-mixja mgħaġġla tagħha, huwa dmir tagħna li niġbru u nfakkru kif titlob ix-xjenza l-fdalijiet ta' dan il-patrimonju nazzjonali— ġustifikazzjoni biżżejjed biex wieħed jieħu interess għaqli u jistudja bis-serjetà l-Folklore Malti.

---

## AVVIŻ

Id-Direzzjoni ta' din ir-rivista tixtieq tixtri dawn il-ħarġiet ta' "Leħen il-Malti:—

1937 — Għadd 73-76; 78-82.
1938 — Għadd 83, 84.
1939 — Għadd 97, 103, 104.
1940 — Għadd 111-118.
1941 — Għadd 119-120; 123-124.
1942 — Għadd 137-142.
1944 — Għadd 155-160.

Min għandu xi kopji ta' dawn u jrid ibiegħhom jikteb lill-Editur, 103, Triq San Franġisk, Floriana.

## WERREJ TAS-SENA 1949

AGIUS M. — *Riħ Fuq* ... ... ... ... ... ... Faċċata 94
AQUILINA G., Prof — Editorjal ... ... ... ... ,, 1, 33, 65, 97
— Nekroloġija ... ... ... ... ... ,, 64
BORG G. — *Iċ-Ċagħka* ... ... ... ... ... ... ,, 15
BORG P. — Il-Mewt ta' Kuljum ... ... ... ... ,, 62
BORG PANTALLERESCO G. — Il-Ħaddiem ... ... ,, 77
BUTTIGIEG A., Dr. — *Dalwaqt Jisbaħ* ... ... ... ,, 14
CAMILLERI, Dun FRANS — *Xewqa* ... ... ... ,, 61
CASSAR G. — Il-Moviment Nazzjonali Katalan ... ... ,, 23
CASSAR PULLICINO G. — Taħnin u Għana tan-Nieqa ,, 107
— "Żieda ta' Kliem u Tifsir" ta' V. Mifsud Bonnici ... ... ... ,, 21, 92
CHETCUTI G. — *Intfew Id-Dwal* ... ... ... ... ,, 101
CREMONA A. — *Fid-Dar ta' Puccini* ... ... ... ,, 100
DOUGALL A. — *Requiescam* ... ... ... ... ,, 81
ELLUL MERCER G. — Mid-Djarju Tiegħi ... ... ,, 20
GALEA A. — L-Ħena ... ... ... ... ... ... ,, 104
GALEA, Patri PAWL, O.P. —Sawl ta' Tarsu ... ... ,, 86
GULIA WALLACE — *Ġmiel* ... ... ... ... ... ,, 61
— *Desideria* ... ... ... ... ... ... ,, 82
— Rapport għas-sena 1948-1949 ... ... ... ,, 30
MIFSUD BONNICI G. — *L-Għanja ta' l-Imħabba* ... ,, 102
MUSCAT, Kjeriku K. — San Ġlormu ... ... ... ,, 83
SALIBA E. — Warda Midbiela ... ... ... ... ,, 9
SALIBA G. — Alma Mater ... ... ... ... ... ,, 36
SAYDON, Prof. P.P. — Tifsir il-Kliem fil-Kotba Mqaddsa ,, 17
SCIBERRAS J. — *Lil John Keats* ... ... ... ... ,, 80
ZARB M. — *Fuq il-Mewt ta' Manwel Camilleri* ... ... ,, 12

**REĊENSJONIJIET:**

G. C. P. — *Il-Waltz tad-Dellijiet* ... ... ... ... ,, 94

# WERREJ TAS-SENA 1949


AGIUS M. — *Riħ Fuq* ... ... ... ... ... Faċċata 94
AQUILINA G., Prof — Editorjal ... ... ... ... ,, 1, 33, 65, 97
— Nekroloġija ... ... ... ... ... ,, 64
BORG G. — *Iċ-Ċagħka* ... ... ... ... ... ... ,, 15
BORG P. — Il-Mewt ta' Kuljum ... ... ... ... ,, 62
BORG PANTALLERESCO G. — Il-Haddiem ... ... ,, 77
BUTTIGIEG A., Dr. — *Dalwaqt Jisbaħ* ... ... ... ,, 14
CAMILLERI, Dun FRANS — *Xewqa* ... ... ... ,, 61
CASSAR G. — Il-Moviment Nazzjonali Katalan ... ... ,, 23
CASSAR PULLICINO G. — Taħnin u Għana tan-Nieqa ,, 107
— "Żieda ta' Kliem u Tifsir"
ta' V. Mifsud Bonnici ... ... ... ,, 21, 92
CHETCUTI G. — *Intfew Id-Dwal* ... ... ... ... ,, 101
CREMONA A. — *Fid-Dar ta' Puccini* ... ... ... ,, 100
DOUGALL A. — *Requiescam* ... ... ... ... ,, 81
ELLUL MERCER G. — Mid-Djarju Tiegħi ... ... ,, 20
GALEA A. — L-Hena ... ... ... ... ... ... ... ,, 104
GALEA, Patri PAWL, O.P. — Sawl ta' Tarsu ... ... ,, 86
GULIA WALLACE — *Qmiel* ... ... ... ... ... ,, 61
— *Desideria* ... ... ... ... ... ... ,, 82
— Rapport għas-sena 1948-1949 ... ... ... ,, 30
MIFSUD BONNICI G. — *L-Għanja ta' l-Imħabba* ... ,, 102
MUSCAT, Kjeriku K. — San Ġlormu ... ... ... ,, 83
SALIBA E. — Warda Midbiela ... ... ... ... ,, 9
SALIBA G. — Alma Mater ... ... ... ... ... ,, 36
SAYDON, Prof. P.P. — Tifsir il-Kliem fil-Kotba Mqaddsa ,, 17
SCIBERRAS J. — *Lil John Keats* ... ... ... ... ,, 80
ZARB M. — *Fuq il-Mewt ta' Manwel Camilleri* ... ... ,, 12


**REĊENSJONIJIET:**


G. C. P. — *Il-Waltz tad-Dellijiet* ... ... ... ... ,, 94




---

## PAUL TALIANA

**WATCH-MAKER AND REPAIRER**

**24, ST. JOHN STREET — VALLETTA**

**A LARGE ASSORTMENT OF WATCHES**

**AND FIRST CLASS REPAIRING.**

SCICLUNAS BANK

SERVICE

SECURITY

SECRECY

SAVINGS.

(ESTABLISHED 1830)